 MT

IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Brussel 26.11.2010
KUMM(2010) 750 finali

# ABBOZZ TAL-BAĠIT ĠENERALI 2011

## DIKJARAZZJONI TAD-DĦUL U N-NEFQA SKONT IT-TAQSIMA

MT MT

**ABBOZZ TAL-BAĠIT ĠENERALI 2011**

**DIKJARAZZJONI TAD-DĦUL U N-NEFQA SKONT IT-TAQSIMA**

Wara li kkunsidrat:

– it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 314 tiegħu, flimkien mat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, u partikolarment l-Artikolu 106a tiegħu,

– ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej[1], u b'mod partikulari l-Artikolu 37 tiegħu,

– l-abbozz ta' baġit ġenerali oriġinali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2011 imressaq mill-Kummissjoni fil-15 ta' Ġunju 2010[2],

– l-abbozz tal-ittra emendatorja Nru 1/2011[3],

– l-abbozz tal-ittra emendatorja Nru 2/2011[4],

– l-abbozz tal-ittra emendatorja Nru 3/2011[5],

– il-pożizzjoni tal-Kunsill dwar l-abbozz tal-baġit ġenerali oriġinali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2011 adottata mill-Kunsill fit-12 ta' Awwissu 2010

– l-emendi tal-Parlament Ewropew għall-pożizzjoni tal-Kunsill dwar l-abbozz tal-baġit ġenerali oriġinali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2011, adottati mill-Parlament Ewropew fl-20 ta' Ottubru 2010,

Il-Kummissjoni Ewropea b'dan tippreżenta lill-awtorità tal-baġit l-abbozz tal-baġit ġenerali għall-2011

---

[1] ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1.
[2] COM(2010) 300, 15.6.2010
[3] SEC (2010) 1064. 15.9.2010
[4] SEC (2010) 1199. 11.10.2010
[5] COM(2010) 601, 20.10.2010.

# WERREJ

1. Daħla ........ 4
2. L-abbozz tal-baġit tal-2011 fi ħdan il-qafas finanzjarju multiannwali ........ 4
2.1 Limiti tal-qafas finanzjarju multiannwali għall-baġit tal-2011 ........ 4
2.2 Ħarsa ġenerali tal-abbozz tal-baġit il-ġdid tal-2011 ........ 5
3. Elementi Ewlenin tal-Proposta l-Ġdida ta' Abbozz tal-Baġit ........ 7
3.1. Approċċ Ġenerali dwar l-Approprjazzjonijiet għall-Ħlasijiet ........ 7
3.2 L-Intestaturi tan-Nefqa tal-Qafas Finanzjarju ........ 8
3.2.1 Intestatura 1a — Kompetittività għat-Tkabbir Ekonomiku u l-Impjiegi ........ 8
3.2.2 Intestatura 1b - Il-Koeżjoni għat-Tkabbir Ekonomiku u x-Xogħol ........ 10
3.2.3 Intestatura 2 - Preżervazzjoni u Ġestjoni tar-Riżorsi Naturali ........ 11
3.2.4 Intestatura 3a – Libertà, Sigurtà u Ġustizzja ........ 11
3.2.5 Intestatura 3b — Ċittadinanza ........ 12
3.2.6 Intestatura 4 - L-UE bħala Attur Globali ........ 12
3.2.7 Intestatura 5 - L-Amministrazzjoni ........ 13
3.3. Kwistjonijiet orizzontali ........ 14
3.3.1 Aġenziji deċentralizzati ........ 14
3.3.2 Aġenziji eżekuttivi ........ 14
3.3.3 Proġetti pilota u Azzjonijiet ta' tħejjija ........ 14
3.3.4 Rimarki dwar il-Baġit ........ 15
3.3.5 Linji baġitarji ġodda ........ 15
3.3.6 Riżervi ........ 15
4. Rimarki tal-għeluq ........ 15
5. L-abbozz tal-baġit tal-2011 skont l-intestaturi tal-qafas finanzjarju ........ 16
5.1 L-abbozz tal-baġit tal-2011 skont l-intestaturi tal-qafas finanzjarju (aggregati) ........ 16
5.2 L-abbozz tal-baġit tal-2011 skont l-intestaturi tal-qafas finanzarju (fid-dettall) ........ 19

**TIBDILIET GĦAD-DIKJARAZZJONI TAD-DĦUL U N-NEFQA SKONT IT-TAQSIMA**

Il-bidliet fid-dikjarazzjoni ġenerali tad-dħul huma disponibbli fil-EUR-Lex (http://eur-lex.europa.eu/budget/www/index-mt.htm). Verżjoni bl-Ingliż tat-tibdiliet li saru fid-dikjarazzjonijiet skont it-taqsima tinsab mehmuża bħala informazzjoni f'anness baġitarju.

## 1. DAĦLA

Il-Kummissjoni trażmettiet l-abbozz tal-baġit għall-2011 fil-lingwi uffiċjali kollha fil-15 ta' Ġunju 2010[6]. L-abbozz tal-baġit tal-2011 huwa l-ewwel wieħed li ġie nnegozjat taħt l-arranġamenti l-ġodda stabbiliti mit-Trattat ta' Liżbona. Il-Kunsill lesta l-qari tiegħu tal-abbozz tal-baġit fit-12 ta' Awwissu, filwaqt li l-Parlament Ewropew ivvota l-qari tiegħu fl-20 ta' Ottubru. Billi l-Parlament Ewropew adotta emendi għall-abbozz tal-baġit, li ma setgħux jiġu aċċettati mill-Kunsill, tlaqqa' Kumitat ta' Konċiljazzjoni, f'konformità mal-artikolu 314 §4(c) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE).

Il-Kumitat ta' Konċiljazzjoni ħadem fuq perjodu ta' wieħed u għoxrin jum, bejn is-26 ta' Ottubru u l-15 ta' Novembru u wasal qrib ħafna ta' ftehim dwar l-elementi tal-abbozz tal-baġit għall-2011. Madankollu, finalment ma kienx possibbli li jiġu rrikonċiljati l-pożizzjonijiet tal-Parlament Ewropew u l-Kunsill fil-perjodu ta' żmien permess, u għalhekk, f'konformità mal-artikolu 314 §8 tat-TFUE, "*għandu jiġi ppreżentat abozz ta' baġit ġdid mill-Kummissjoni*".

## 2. L-ABBOZZ TAL-BAĠIT TAL-2011 FI ĦDAN IL-QAFAS FINANZJARJU MULTIANNWALI

### 2.1 Limiti tal-qafas finanzjarju multiannwali għall-baġit tal-2011

Fil-Qafas Finanzjarju Multiannwali (MAFF), il-limiti għall-approprjazzjonijiet għall-impenji għal kull intestatura ta' nefqa għall-2011 huma kif ġej:

| Intestatura | F'miljuni ta' EUR, bil-prezzijiet attwali |
|---|---|
| **1. Tkabbir Sostenibbli** | **63 974** |
| 1a Il-Kompetittivita għat-Tkabbir Ekonomiku u l-Impjiegi | 12 987 |
| 1b Il-Koeżjoni għat-Tkabbir Ekonomiku u l-Impjiegi | 50 987 |
| **2. Preservazzjoni u Ġestjoni tar-Riżorsi Naturali** | **60 338** |
| li minnhom: Nefqa relatata mas-suq u ħlasijiet diretti | 47 617 |
| **3. Ċittadinanza, LibertàLibertà, SigurtàSigurtà u Ġustizzja** | **1 889** |
| 3a Libertà, Sigurtà u Ġustizzja | 1 206 |
| 3b Ċittadinanza | 683 |
| **4. -L-UE bħala Attur Globali** | **8 430** |
| **5. Amministrazzjoni** | **8 334** |
| **TOTAL** | **142 965** |

Fil-MAFF, il-limiti totali għall-approprjazzjonijiet għall-impenji (EUR 142 965 miljun) jirrappreżentaw 1,14% tad-dħul nazzjonali gross tal-UE (GNI). Il-limitu għall-approprjazzjonijiet għall-ħlasijiet huwa EUR 134 280 miljun, jew 1,07 % tad-DGN.

[6] COM(2010) 300, 15.6.2010.

## 2.2 Ħarsa ġenerali tal-abbozz tal-baġit il-ġdid tal-2011.

*Miljuni ta' EUR*

| | Baġit 2010 (1) | | L-Abbozz tal-Baġit il-ġdid għall-2011 | | Differenza | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| | AI | AĦ | AI | AĦ | AI | AĦ |
| **1. Tkabbir Sostenibbli** | **64 249,4** | **47 714,1** | **64 501,2** | **53 328,2** | **0,4%** | **11,8%** |
| *Marġini (2)* | | | *-27,2* | | | |
| — Kompetittività għat-tkabbir ekonomiku u l-impjiegi | 14 862,9 | 11 343,3 | 13 520,6 | 11 645,8 | -9,0% | 2,7% |
| *Esklużi l-proġetti tal-enerġija biex jgħinu l-irkupru tal-ekonomija (EERP)* | *12 882,9* | *10 315,8* | 13 520,6 | 11 620,6 | *5,0%* | *3,0%* |
| *Marġini (2)* | | | *-33,6* | | | |
| — Koeżjoni għat-tkabbir u l-impjiegi | 49 386,6 | 36 370,9 | 50 980,6 | 41 682,5 | 3,2% | 14,6% |
| *Marġini* | | | *6,4* | | | |
| **2. Preservazzjoni u Ġestjoni tar-Riżorsi Naturali** | **59 498,8** | **58 135,6** | **58 659,2** | **56 409,3** | **-1,4%** | **-3,0%** |
| *Marġini* | | | *1 678,8* | | | |
| **3. Ċittadinanza, Libertà, Sigurtàu Ġustizzja** | **1 687 ,5** | **1 411,0** | **1 821,9** | **1 460 ,2** | **8,0%** | **3,5%** |
| *Marġini* | | | *67,1* | | | |
| Libertà. Sigurtà u Ġustizzja | 1 006,5 | 738,6 | 1 139,0 | 814,3 | 13,2% | 10,2% |
| *Marġini* | | | *67,0* | | | |
| — Ċittadinanza | 681,0 | 672,4 | 682,9 | 646,0 | 0,3% | -3,9% |
| *Marġini* | | | *0,1* | | | |
| **4. -L-UE bħala Attur Globali** | **8 141,0** | **7 787,7** | **8 754,3** | **7 249,0** | **7,5%** | **-6,9%** |
| *Marġini (3)* | | | *-70,4* | | | |
| **5. Amministrazzjoni** | **7 908,0** | **7 907,5** | **8 081,7** | **8 080,4** | **2,2%** | **2,2%** |
| *Marġini (4)* | | | *334,3* | | | |
| **Total** | **141 484,8** | **122 955,9** | **141 818,3** | **126 527,1** | **0,2%** | **2,9%** |
| **Bl-esklużjoni tal-proġetti tal-enerġija biex jgħinu l-irkupru ekonomiku** | **139 504,8** | **121 928,4** | **141 818,3** | **125 502,1** | **1,7%** | **2,9%** |
| *Margin (5), (6)* | | | *1 982,6* | *7 934,9* | | |
| **Approprjazzjonijiet bħala % tad-DNG** | **1,17%** | **1,02%** | **1,13%** | **1,01%** | | |

(1) Il-Baġit 2010 jinkludi l-baġits emendatorji 1 sa 7.

(2) Il-marġini għal intestatura 1a ma jikkunsidrax l-approprjazzjonijiet relatati mal-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni (EUR 500 miljun).

(3) Il-marġini għall-intestatura 4 ma jinkludix l-approprjazzjonijiet relatati mar-Riżerva għal Għajnuna ta' Emerġenza (EUR 253,9 miljun).

(4) Għall-kalkolu tal-marġini taħt il-limitu massimu ta' l-intestatura 5, ittieħed kont tan-nota (1) ta' qiegħ il-paġna fil-qafas finanzjarju 2007-2013 għal somma ta' EUR 82 miljun mill-kontribuzzjonijiet tal-persunal għall-iskema tal-pensjoni.

(5) Il-marġini globali għall-impenji ma jinkludix l-approprjazzjonijiet relatati mal-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni (EUR 500 miljun), ir-Riżerva għall-Għajnuna ta' Emerġenza (EUR 253,9 miljun) u għall-kontribuzzjonijiet tal-persunal għall-iskema tal-pensjonijiet (EUR 82 miljun).

(6) Il-marġini globali għall-ħlasijiet ma jiħux f'kunsiderazzjoni l-approprjazzjonijiet marbuta mar-Riżerva ta' Għajnuna ta' Emerġenza (EUR 100 miljun) u l-kontribuzzjonijiet tal-persunal għall-iskema tal-pensjonijiet (EUR 82 miljun).

Il-Kummissjoni tippreżenta din il-proposta l-ġdida għal abbozz tal-baġit għall-2011, f'konformità mal-pożizzjonijiet espressi kemm mill-Kunsill kif ukoll mill-Parlament Ewropew fil-perjodu ta' konċiljazzjoni.

F'termini ta' approprjazzjonijiet *għall-impenji*, **in-nefqa totali proposta fl-abbozz tal-baġit tal-2011** hija ta' EUR 141 818,3 miljun, li jikkorrispondu għal 1,13 % tad-DNG, jiġifieri EUR 332,0 miljun aktar mill-2010. Dan iħalli marġini totali ta' EUR 1 984,1 miljun taħt il-limitu.

L-approprjazzjonijiet *għall-ħlasijiet* huma stabbiliti fil-livell li nżamm mill-Kunsill f'Awwissu, jiġifieri EUR 126 527,1 miljun li jikkorrispondu għal 1,01 % tad-DNG. Dan jirrappreżenta żieda ta' EUR 3,571,2 miljun meta mqabbel mal-approprjazzjonijiet għall-ħlasijiet fil-baġit tal-2010, u jħalli marġini ta' EUR 7 934,9 miljun taħt il-limitu massimu. Il-

Parlament esprima l-komprensjoni tiegħu għall-pożizzjoni tal-Kunsill fid-dawl tal-limitazzjonijiet baġitarji li l-Istati Membri qegħdin jiffaċċjaw f'dan il-mument. Il-Kummissjoni tirrepeti l-fehma soda tagħha li dan il-livell ta' ħlasijiet jista' jintlaħaq qbil dwaru biss jekk ikun akkumpanjat minn impenn tal-awtorità tal-baġit sabiex taġixxi malajr fuq talbiet għal approprjazzjonijiet għall-impenji addizzjonali permezz ta' baġits ta' emenda jew trasferimenti, sabiex jiġi evitat kwalunkwe nuqqas fl-approprjazzjonijiet għall-ħlasijiet.

L-approprjazzjonijiet għall-impenji għall-**Kompetittività għat-Tkabbir Ekonomiku u l-Impjiegi (intestatura 1a)** huma proposti li jkunu ta' EUR 13 520,6 miljun, li huwa tnaqqis ta' 9,0 % meta mqabbel mal-baġit tal-2010. Billi dawn l-ammonti jaqbżu l-limitu massimu tal-intestatura 1a, il-Kummissjoni tipproponi simultanjament li jiġi mmobilizzat l-Istrument tal-Flessibilità b'EUR 34 miljun[7]. L-approprjazzjonijiet għall-ħlasijiet żdiedu b'2,7 % għal EUR 11 645,8 miljun. It-tnaqqis apparenti fl-approprjazzjonijiet għall-impenji għal din l-intestatura għandu jitqies fid-dawl tal-inklużjoni fil-baġit tal-2010 tat-tieni tranche ta' approprjazzjonijiet addizzjonali għall-iffinanzjar tal-proġetti tal-enerġija biex jgħinu l-irkupru ekonomiku. Meta jiġi eskluż dan l-element, l-approprjazzjonijiet għall-impenji u għall-ħlasijiet jiżdiedu b'5,0 % u 3,0 % rispettivament.

L-approprjazzjonijiet għall-impenji għall-**Koeżjoni għat-Tkabbir Ekonomiku u l-Impjiegi (intestatura 1b)** jiżdiedu bi 3,2 % għal EUR 50 980,6 miljun, li jħalli marġini ta' EUR 6,4 miljun. L-approprjazzjonijiet għall-ħlasijiet żdiedu b'14,6 % għal EUR 41 682,5 miljun. Iż-żieda sostanzjali fil-livell tal-ħlasijiet jirrifletti l-veloċità li laħqu l-programmi tal-politika tal-Koeżjoni li jirrigwardaw il-perjodu ta' pprogrammar 2007 – 2013, u għalhekk tikkontribwixxi għall-irkupru ekonomiku fl-Ewropa.

Approprjazzjonijiet għall-impenji ta' EUR 58 659,2 miljun huma proposti għall-**Prisżervazzjoni u l-Ġestjoni tar-Riżorsi Naturali (intestatura 2)**, li huwa tnaqqis ta' 1,4 % meta mqabbel mal-baġit tal-2010 u jħalli marġini ta' EUR 1 680,3 miljun taħt il-limitu massimu. L-approprjazzjonijiet għall-ħlasijiet jonqsu bi 3,0 % għal EUR 56 409,3 miljun. Taħt din l-intestatura l-ammont maħsub għan-nefqa relatata mas-suq u l-għajnuniet diretti laħaq l-EUR 42 891,2 miljun f'approprjazzjonijiet għall-impenji, u EUR 42 786,6 miljun f'approprjazzjonijiet għall-ħlasijiet.

Il-**Libertà, Sigurtà u Ġustizzja (intestatura 3a)** tara żieda fl-approprjazzjonijiet għall-impenji ta' 13,2 %, li titla' għal EUR 1 139,0 miljun, u tħalli marġini ta' EUR 67,0 miljun. L-approprjazzjonijiet għall-ħlasijiet jiżdiedu wkoll b'mod sinifikanti b'10,2 % għal EUR 814,3 miljun.

Għaċ-**Ċittadinanza (intestatura 3b)**, l-approprjazzjonijiet għall-impenji jammontaw għal EUR 682,9 miljun, li ma jħalli kważi l-ebda marġini (EUR 0,1 miljun). L-approprjazzjonijiet għall-ħlasijiet għal din l-intestatura jonqsu bi 3,9 % għal EUR 646,0 miljun. It-tnaqqis huwa dovut għall-mobilizzazzjoni tal-Fond ta' Solidarjetà fl-2010 (EUR 13,0-ilmiljun), li ġew miżjuda mal-baġit oriġinali matul is-sena.

**L-Intestatura 4, l-UE bħala Attur Globali** rat żieda fl-approprjazzjonijiet għall-impenji ta' 7,5 % għal EUR 8 754,3 miljun, li jaqbżu l-limitu massimu fuq l-intestatura 4. Il-Kummissjoni tipproponi simultanjament li jiġi mmobilizzat l-Istrument tal-Flessibilità b'EUR

---

[7] Il-marġini għall-intestatura 1a ma jiħux f'kunsiderazzjoni l-approprjazzjonijiet relatati mal-Fond Ewropew għall-Aġġustament għall-Globalizzazzjoni (EUR 500 miljun).

71 miljun[8]. L-approprjazzjonijiet għall-ħlasijiet jonqsu b'6,9 % għal EUR 7 249,0 miljun. L-ammont totali tal-approprjazzjonijiet għall-impenji huwa anqas meta mqabbel mal-2010 peress li l-impenji pendenti (l-hekk imsejħa "RAL", *reste à liquider*) f'bosta linji tat-'tlestija' għall-programmi preċedenti li qed jingħalqu, tnaqqsu sostanzjalment.

L-approprjazzjonijiet għall-impenji u l-ħlasijiet għan-**Nefqa Amministrattiva (Intestatura 5)** jiżdiedu b'ammont globali ta' 2,2 %, bl-impenji stabbiliti għal EUR 8 081,7 miljun u l-ħlasijiet għal EUR 8 080,4 miljun. Dan iħalli marġini ta' EUR 334,3 miljun[9].

## 3. Elementi Ewlenin tal-Proposta l-Ġdida ta' Abbozz tal-Baġit

Il-punt tat-tluq għat-tħejjija ta' dan l-abbozz ta' baġit ġdid għall-2011 huwa l-proposta oriġinali tal-Kummissjoni minn Ġunju, kif modifikata minn tliet ittri ta' emenda (AL) – AL 1/2011[10] (Servizz Ewropew tal-Azzjoni Esterna), AL 2/2011[11] (aġenziji u Stabbilizzazzjoni Finanzjarja Ewropea), u AL 3/2011[12] (nefqa agrikola).

Il-bidliet li qed jiġu proposti issa jirriflettu d-diskussjonijiet li diġà saru bejn iż-żewġ fergħat tal-Awtorità tal-Baġit. Dawn id-diskussjonijiet wasslu għal livell importanti ta' konverġenza u dawn l-elementi ta' kompromess qed jinżammu fil-proposta l-ġdida tal-Kummissjoni, bil-għan li jiġi ffaċilitat ftehim rapidu dwar il-Baġit 2011.

Il-konsegwenzi li ma jintlaħaqx ftehim dwar il-baġit ikunu ta' detriment għall-implimentazzjoni ta' politiki ta' importanza ewlenija, u jagħtu messaġġ ta' ħsara għaċ-ċittadini tal-Ewropa fi żmien ta' inċertezza ekonomika. Il-kredibilità tal-UE fuq il-livell internazzjonali ukoll tiġi mtappna.

Huwa b'dan l-għan importanti f'moħħha li l-Kummissjoni qiegħda tipprova tirrikonċilja l-pożizzjonijiet taż-żewġ fergħat tal-Awtorità tal-Baġit f'din il-proposta għal abbozz ta' baġit ġdid.

Id-dettalji tal-bidliet proposti huma deskritti hawn taħt.

### 3.1. Approċċ Ġenerali dwar l-Approprjazzjonijiet għall-Ħlasijiet

Adattament importanti ħafna huwa dak tal-livell tal-approprjazzjonijiet għall-ħlasijiet. Fl-abbozz tal-baġit oriġinali tal-2011, il-Kummissjoni pproponiet żieda ta' 5,8 % għall-ħlasijiet meta mqabbel mal-baġit tal-2010 fuq il-bażi ta' evalwazzjoni tal-ħtiġijiet għall-ħlasijiet għall-programmi.

Minn dak iż-żmien 'l hawn, id-diffikultajiet ekonomiċi li qed tiffaċċja l-Ewropa saru aktar apparenti, u żviluppa kunsens ġenerali madwar l-Istati Membri dwar il-ħtieġa li jiġu applikati miżuri ta' awsterità. Għaldaqstant, dan l-abbozz tal-baġit il-ġdid jipproponi livell globali ta'

---

8 Il-marġini għall-intestatura 4 ma jinkludix l-approprjazzjonijiet relatati mar-Riżerva għal Għajnuna ta' Emerġenza (EUR 253,9 miljun).

9 Għall-kalkolu tal-marġini taħt il-limitu massimu għall-intestatura 5, qed jittieħed kont tan-nota (1) ta' qiegħ il-paġna għall-qafas finanzjarju 2007 – 2013 għal ammont ta' EUR 82 miljun għall-kontribuzzjoni tal-persunal għall-iskema tal-pensjonijiet. Il-livell ta' nfiq tal-2011 li tqies għall-istituzzjonijiet l-oħra huwa bbażat fuq l-aħħar stimi disponibbli.

10 SEC(2010) 1064, 15.9.2010.

11 SEC (2010) 1199, 11.10.2010.

12 COM(2010)601, 20.10.2010.

approprjazzjonijiet għall-ħlasijiet ta' EUR 126,5 biljun, kif propost mill-Kunsill. Kien hemm fehmiet konverġenti waqt il-konċiljazzjoni li dan l-ammont jista' jkun element essenzjali ta' ftehim globali possibbli.

Madankollu, il-Kummissjoni tixtieq tenfasizza wkoll li, għall-kuntrarju tal-baġits nazzjonali, il-baġit tal-UE qatt ma jista' jkun f'defiċit, u li t-talbiet kollha għar-rimbors li jiġu mill-Istati Membri fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-politika jridu jiġu onorati. F'dan ir-rigward, huwa essenzjali li jkun hemm dikjarazzjoni konġunta maż-żewġ fergħat tal-Awtorità tal-Baġit li tikkonferma li huma lesti li jittrattaw b'mod rapidu ma' baġits ta' emenda jew trasferimenti fil-każ ta' ħtieġa.

Sabiex tiġi ssodisfata din it-talba, sar neċessarju tnaqqis fl-approprjazzjonijiet għall-ħlasijiet, meta mqabbel mal-proposta inizjali tal-Kummissjoni għall-abbozz tal-baġit tal-2011, permezz tal-metodoloġija li ġejja:

> Wara li tqiesu l-konsegwenzi tal-aġġustamenti proposti għall-approprjazzjonijiet mhux differenzjati u għat-tisħiħ speċifiku tal-ħlasijiet, kif iddettaljat hawn taħt fit-taqsimiet 3.2 u 3.3, it-tnaqqis globali fl-approprjazzjonijiet għall-ħlasijiet, meta mqabbel mal-abbozz tal-baġit tal-Kummissjoni inklużi l-ittri ta' emenda, tqassam bejn l-intestaturi differenti kif ġej:
>
> – Terz fuq l-intestatura 1b,
>
> – Terz fuq l-intestatura 2,
>
> – Terz fuq l-intestaturi 1a, 3a u 4,
>
> – L-ebda impatt fuq l-intestatura 3b.

It-tnaqqis imqabbel mal-livell tal-ħlasijiet fi ħdan kull intestatura tqassam proporzjonalment fuq il-linji tal-baġit kollha b'approprjazzjonijiet differenzjati, filwaqt li jitqiesu aġġustamenti speċifiċi li dwarhom il-Kumitat ta' Konċiljazzjoni esprima opinjonijiet konverġenti, kif deskritt fit-taqsimiet 3.2 u 3.3 aktar 'l isfel u bl-eċċezzjoni tal-proġetti pilota u l-azzjonijiet preparatorji, l-aġenziji deċentralizzati, il-linji tal-baġit tal-intestatura 1b li tħallew mhux mibdula fil-ħlasijiet miż-żewġ fergħat tal-awtorità tal-baġit fil-qari rispettiv tagħhom tal-abbozz tal-baġit oriġinali (prinċipalment il-konverġenza) u Life+ u l-programmi tas-saħħa tal-annimali u l-pjanti fl-intestatura 2, kif ukoll ir-Riżerva ta' Għajnuna ta' Emerġenza (EAR) fl-intestatura 4.

### 3.2 L-Intestaturi tan-Nefqa tal-Qafas Finanzjarju

Minbarra l-aġenziji (deċentralizzati u eżekuttivi) u l-proposti dwar il-proġetti pilota u l-azzjonijiet ta' tħejjija, li huma ddettaljati fit-taqsima 3.3 aktar 'l isfel, l-aġġustamenti li ġejjin tal-qafas finanzjarju multiannwali huma inklużi fl-abbozz tal-baġit il-ġdid.

#### *3.2.1 Intestatura 1a — Kompetittività għat-Tkabbir Ekonomiku u l-Impjiegi*

Il-Kummissjoni tipproponi li żżid il-livell ta' approprjazzjonijiet għall-impenji għal numru ta' azzjonijiet (ara t-tabella), filwaqt li żżomm l-istess livell kif propost fl-abbozz tal-baġit oriġinali għall-biċċa l-kbira tal-oħrajn. Iż-żidiet jirriflettu l-prijoritajiet tal-Parlament Ewropew fir-rigward taż-Żgħażagħ, l-SMEs u r-riċerka.

Dan joħloq sitwazzjoni fejn il-livell ta' approprjazzjonijiet għall-impenji jaqbeż il-limitu massimu tal-qafas finanzjarju multiannwali, u għalhekk il-Kummissjoni tipproponi li timmobilizza l-Istrument tal-Flessibilità għal ammont ta' EUR 34 miljun għall-intestatura 1a.

Il-metodoloġija ġenerali tal-approprjazzjonijiet għall-ħlasijiet tapplika għal din l-intestatura. Madankollu, meta żidiet ġew proposti mill-Parlament Ewropew fil-qari tiegħu sabiex jakkumpanjaw iż-żidiet fl-impenji, dawn ġew inklużi bħala tali fl-abbozz tal-baġit il-ġdid. Il-Kummissjoni tikkonferma wkoll ammont ta' EUR 50 miljun fi ħlasijiet għall-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni (EGF), suġġett għat-tnaqqis globali deskritt fit-taqsima 3.1.

*Miljuni ta' EUR*

| Linja baġitarja | Intestatura | Żidiet / tnaqqis ta' approprjazzjonijiet għall-impenji | | |
|---|---|---|---|---|
| | | L-Abbozz tal-Baġit oriġinali għall-2011 | L-Abbozz tal-Baġit il-ġdid għall-2011 | Differenza |
| 02 02 01 | Programm ta' qafas għall-Kompetittività u l-Innovazzjoni – Programm għall-Intraprenditorija u l-Innovazzjoni | 138,0 | 148,0 | + 10,0 |
| 04 03 02 | Spejjeż għal-laqgħat tal-konsultazzjoni preliminari mar-rappreżentanti tat-trade unions | 0,45 | 0,5 | + 0,05 |
| 04 03 03 01 | Ir-relazzjonijiet industrijali u d-djalogu soċjali | 16,4 | 16,5 | + 0,1 |
| 04 03 03 02 | Miżuri ta' tagħrif u taħriġ għall-organizzazzjonijiet tal-ħaddiema | 16,7 | 17,0 | + 0,3 |
| 04 03 03 03 | Tagħrif, konsultazzjoni u parteċipazzjoni tar-rappreżentanti tal-intrapriżi | 7,3 | 7,5 | + 0,2 |
| 04 03 04 | EURES (Servizzi Ewropej tal-Impjiegi) | 19,5 | 20,5 | + 1,0 |
| 08 13 01 | Kapaċitajiet — Riċerka għall-benefiċċju ta' intrapriżi ta' daqs żgħir jew medju (SMEs) | 221,1 | 223,1 | + 2,0 |
| 09 02 01 | Definizzjoni u implimentazzjoni tal-politka tal-UE fil-qasam tal-komunikazzjoni elettronika | 2,4 | 4,0 | + 1,6 |
| 12 02 02 | Il-programm Solvit u l-pjan ta' Azzjoni tas-Servizzi ta' Għajnuna dwar is-Suq Uniku | p.m. | 1,3 | + 1,3 |
| 15 02 02 | Erasmus Mundus | 94,5 | 96,5 | + 2,0 |
| 15 02 22 | Programm ta' tagħlim tul il-ħajja | 1 009,7 | 1 027,7 | + 18,0 |
| 15 05 77 | Nies | 754,4 | 764,4 | + 10,0 |
| 24 02 01 | Programmi operazzjonali fil-ġlieda kontra l-frodi | 14,2 | 15,0 | + 0,8 |
| 32 04 06 | Programm Qafas dwar il-Kompetittività u l-Innovazzjoni — Programm "Enerġija intelliġenti – Ewropa" | 104,5 | 114,5 | + 10,0 |
| 32 06 01 | Ir-Riċerka relatata mal-enerġija | 157,7 | 167,7 | + 10,0 |
| **Total parzjali** | **Żidiet** | | | **+ 67,4** |
| | Prince — Komunikazzjoni dwar l-unjoni ekonomika u monetarja, inkluż l-euro | 6,5 | 5,5 | - 1,0 |
| 02 04 | Appoġġ għaċ-Ċentru għall-Koperazzjoni Industrijali UE-Ġappun u sħubija fi gruppi ta' studju internazzjonali | 2,45 | 2,15 | - 0,3 |
| 12 02 01 | Implimentazzjoni u żvilupp tas-Suq Intern | 8,8 | 8,4 | - 0,4 |
| 26 02 01 | Proċeduri għall-għoti u r-riklamar ta' kuntratti ta' forniment, xogħol u servizzij pubbliċi | 15,2 | 14,4 | - 0,8 |
| **Total parzjali** | **Tnaqqis** | | | **- 2,5** |
| **Total** | | | | **+ 64,9** |

### *3.2.2 Intestatura 1b - Il-Koeżjoni għat-Tkabbir Ekonomiku u x-Xogħol*

Il-livell tal-approprjazzjonijiet għall-impenji jibqa' mhux mibdul meta mqabbel mal-abbozz oriġinali tal-baġit, b'eċċezzjoni waħda: artikolu ġdid tal-baġit 13 03 31 "Assistenza teknika u disseminazzjoni tal-informazzjoni dwar l-istrateġija tal-UE għall-Baħar Baltiku u għarfien imtejjeb tal-istrateġija tal-makroreġjuni" li nħoloq għal ammont ta' EUR 2,5 miljun f'impenji (mingħajr ħlasijiet).

L-approprjazzjonijiet għall-ħlasijiet ġew adattati b'tali mod li l-limitu ta' EUR 126,5 biljun għall-abbozz tal-baġit totali huwa rrispettat. Huwa partikolarment importanti għal din l-intestatura li d-dikjarazzjoni konġunta msemmija fit-taqsima 3.1 aktar 'il fuq tiġi kkonfermata, sabiex ħlasijiet addizzjonali jkunu jistgħu jitpoġġew għad-dispożizzjoni jekk meħtieġ.

### 3.2.3 *Intestatura 2 - Preżervazzjoni u Ġestjoni tar-Riżorsi Naturali*

Analiżi bir-reqqa tal-ħtiġijiet magħmula mill-Kummissjoni fl-abbozz tal-baġit oriġinali tagħha, u sussegwentement aġġornata permezz tal-ittra emendatorja 3/2011 hija l-punt tat-tluq għall-proposta l-ġdida. Il-proposta l-ġdida tintegra xi prijoritajiet tal-Parlament Ewropew bħaż-żidiet għal School Milk, Life+, l-Aġenzija tal-Kontroll tas-Sajd tal-Komunità u Animal Health, u parzjalment tinkludi l-pożizzjoni tal-Kunsill dwar il-Likwidazzjoni tal-kontijiet. It-tabella hawn taħt tiġbor dawn l-aġġustamenti.

Għall-approprjazzjonijiet mhux differenzjati, il-ħlasijiet huma stabbiliti fl-istess livell tal-impenji. Għal-linji tal-baġit l-oħra, hija segwita l-metodoloġija ġenerali dwar il-ħlasijiet (ara t-taqsima 3.1 aktar 'il fuq).

*Miljuni ta' EUR*

| Linja baġitarja | Intestatura | Żidiet / tnaqqis ta' approprjazzjonijiet għall-impenji | | |
|---|---|---|---|---|
| | | L-Abbozz tal-Baġit oriġinali għall-2011 | L-Abbozz tal-Baġit il-ġdid għall-2011 | Differenza |
| 05 02 12 08 | Ħalib għall-iskejjel | 80,0 | 90,0 | + 10,0 |
| 07 03 07 | LIFE+ (Strument Finanzjarju għall-Ambjent — mill-2007 sal-2013) | 298,3 | 305,0 | + 6,7 |
| 11 07 01 | Appoġġ għall-ġestjoni tar-riżorsi tas-sajd (ġbir ta' dejta bażika) | 46,0 | 48,0 | + 2,0 |
| 11 08 05 02 | Aġenzija Komunitarja għall-Kontroll tas-Sajd (CFCA) – Kontribuzzjoni għat-Titolu 3 | 1,501 | 5,501 | + 4,0 |
| 17 04 01 01 | Programmi għall-qerda u l-monitoraġġ tal-mard tal-annimali u l-monitoraġġ tal-kundizzjonijiet fiżiċi ta' annimali li jistgħu jkunu ta' riskju għas-saħħa pubblika marbut ma' fattur estern — Miżuri ġodda | 260,0 | 270,0 | + 10,0 |
| **Total parzjali** | **Żidiet** | | | **+ 32,7** |
| 05 07 01 06 | Likwidazzjoni tal-kontijiet tas-snin preċedenti fir-rigward tan-nefqa tal-ġestjoni maqsuma taħt it-Taqsima ta' Garanzija tal-EAGGF (miżuri preċedenti) u taħt l-EAGF | -72,0 | -272,0 | - 200,0 |
| **Total parzjali** | **Tnaqqis** | | | **- 200,0** |
| **Total** | | | | **- 167,3** |

Dan l-abbozz tal-baġit jinkludi wkoll EUR 540 miljun ta' dħul assenjat għall-EAGF trasferit 'il quddiem mill-2010 għall-2011. Dan l-ammont huwa ogħla mill-ammont ta' EUR 210 miljun li kien previst fl-ittra ta' emenda 3/2011 għall-abbozz tal-baġit oriġinali tal-2011 billi użu mnaqqas ta' dħul assenjat iġġenerat fl-2010 fl-eżekuzzjoni tal-baġit 2010. Bħala konsegwenza, dan id-dħul assenjat addizzjonali trasferit 'il quddiem mill-2010 għall-2011 inaqqas il-ħtieġa għal approprjazzjonijiet fuq il-linji tal-baġit 05 02 08 03 (Fondi operazzjonaliuy għall-organizzazzjonijiet produtturi) u 05 03 01 (Skema Unika tal-Ħlasijiet – SPS) bi EUR 330 miljun. L-effett tal-approprjazzjoni mnaqqsa fuq dawn il-linji huwa li żdied il-marġini mhux allokat disponibbli fl-2011 tal-intestatura 2 bl-istess ammont.

### 3.2.4 *Intestatura 3a – Libertà, Sigurtà u Ġustizzja*

Il-proposta tal-Kummissjoni għadha fil-biċċa l-kbira mhux mibdula, bil-modifiki li ġejjin:

*Miljuni ta' EUR*

| Linja baġitarja | Intestatura | Żidiet / tnaqqis ta' approprjazzjonijiet għall-impenji |
|---|---|---|

| | | L-Abbozz tal-Baġit oriġinali għall-2011 | L-Abbozz tal-Baġit il-ġdid għall-2011 | Differenza |
|---|---|---|---|---|
| 18 04 07 | Ġlieda kontra l-vjolenza (Daphne) | 17,7 | 20,0 | + 2,35 |
| 18 05 08 | Prevenzjoni, thejjija u ġestjoni tal-konsegwenzi tat-terroriżmu | 23,1 | 24,1 | + 1,0 |
| 18 07 03 | Prevenzjoni u informazzjoni dwar id-droga | 3,0 | 4,0 | + 1,0 |
| **Total parzjali** | **Żidiet** | | | **+ 4,35** |
| 18 01 04 14 | Ġustizzja ċivili — Nefqa għall-ġestjoni amministrattiva | 0,3 | 0,25 | - 0,05 |
| 18 02 11 01 | Aġenzija għat-tmexxija operattiva tas-sistemi tal-IT fuq skala kbira fil-qasam tal-libertà, sigurtà u ġustizzja - Kontribuzzjoni għat-Titoli 1 u 2 | 10,3 | 5,15 | - 5,15 |
| 18 03 05 | Netwerk Ewropew tal-Migrazzjoni | 8,0 | 7,5 | -0,5 |
| **Total parzjali** | **Tnaqqis** | | | **- 5,7** |
| **Total** | | | | **- 1,35** |

Ħlasijiet relatati mal-linji tal-baġit imsemmija aktar 'il fuq jibqgħu mhux mibdula bl-eċċezzjoni tal-partiti tal-baġit 18 01 04 14 u 18 02 11 01, li għalihom l-approprjazzjonijiet għall-ħlasijiet huma mnaqqsa bl-ammont li jikkorrispondi mat-tnaqqis fl-impenji.

### *3.2.5 Intestatura 3b — Ċittadinanza*

L-approprjazzjonijiet għall-impenji huma stabbiliti fil-livell propost fl-abbozz tal-baġit oriġinali, b'xi żidiet li jirriflettu l-prijoritajiet tal-Parlament Ewropew fir-rigward ta' Youth u l-komunikazzjoni:

*Miljuni ta' EUR*

| Linja baġitarja | Intestatura | Żidiet / tnaqqis ta' approprjazzjonijiet għall-impenji | | |
|---|---|---|---|---|
| | | L-Abbozz tal-Baġit oriġinali għall-2011 | L-Abbozz tal-Baġit il-ġdid għall-2011 | Differenza |
| 15 05 06 | Avvenimenti annwali speċjali | p.m. | 4,0 | + 4,0 |
| 15 05 55 | Żgħażagħ fl-Azzjoni | 126,1 | 129,1 | + 3,0 |
| 16 03 01 | Uffiċċji li jagħtu informazzjoni | 12,6 | 13,58 | + 0,98 |
| **Total parzjali** | **Żidiet** | | | **+ 7,98** |
| **Total** | | | | **+ 7,98** |

L-approprjazzjonijiet għall-ħlasijiet addizzjonali li jikkorrispondu ma' dan huma stabbiliti għal 50 % taż-żidiet fl-impenji, bl-eċċezzjoni tal-artikolu tal-baġit 15 05 06 li għalih il-ħlasijiet huma stabbiliti fl-istess livell bħall-impenji.

### *3.2.6 Intestatura 4 - L-UE bħala Attur Globali*

Il-Kummissjoni qed tipproponi xi żidiet immirati li jirriflettu l-prijoritajiet tal-Awtorità tal-Baġit. L-aktar tibdil sinifikanti jirrigwarda l-Palestina li għaliha huwa propost ammont addizzjonali ta' EUR 100 miljun. Dawn l-aġġustamenti jwasslu għal sitwazzjoni fejn il-livell tal-approprjazzjonijiet għall-impenji jaqbeż il-limitu massimu tal-qafas finanzjarju multiannwali, u għalhekk il-Kummissjoni qed tipproponi li jiġi mmobilizzat l-Istrument tal-Flessibilità għal ammont ta' EUR 71 miljun għall-intestatura 4 sabiex jiġu koperti l-ħtiġijiet addizzjonali għall-Palestina.

Bla ħsara għall-applikazzjoni tal-metodoloġija ġenerali msemmija fit-taqsima 3.1 aktar 'il fuq, l-approprjazzjonijiet għall-impenji għall-Palestina huma wkoll miżjuda b'EUR 100 miljun filwaqt li għal-linji l-oħra li għalihom l-impenji huma miżjuda, il-ħlasijiet qed jinżammu fil-livell tal-abbozz tal-baġit oriġinali. Il-Kummissjoni qed tipproponi wkoll li jiġu limitati l-ħlasijiet għar-Riżerva għal Għajnuna ta' Emerġenza (EAR) għal EUR 100 miljun f'konformità mal-kompromess li kien qed jintlaħaq fil-Kumitat ta' Konċiljazzjoni.

*Miljuni ta' EUR*

| Linja baġitarja | Intestatura | Żidiet / tnaqqis ta' approprjazzjonijiet għall-impenji | | |
|---|---|---|---|---|
| | | L-Abbozz tal-Baġit oriġinali għall-2011 | L-Abbozz tal-Baġit il-ġdid għall-2011 | Differenza |
| 14 03 04 | Governanza tajba fil-qasam fiskali | p.m. | 1,0 | + 1,0 |
| 15 02 27 02 | Fondazzjoni Ewropea għat-Taħriġ — Kontribuzzjoni għat-Titolu 3 | 5,5 | 6,0 | + 0,5 |
| 19 04 03 | Osservazzjoni tal-Elezzjonijiet | 34,1 | 38,0 | + 3,9 |
| 19 08 01 02 | Għajnuna finanzjarja tal-Viċinat u Partenarjat Ewropew għall- Palestina, il-proċess ta' paċi u l-UNRWA | 200,0 | 300,0 | + 100,0 |
| 19 08 01 03 | Koperazzjoni finanzjarja tal-Viċinat u Partenarjat Ewropew mal-Ewropa tal-Lvant | 555,4 | 556,4 | + 1,0 |
| 19 09 01 | Kooperazzjoni ma' pajjiżi tal-Amerika Latina li qed jiżviluppaw | 362,8 | 377,8 | + 14,5 |
| 19 10 01 01 | Koperazzjoni ma’ pajjiżi li qed jiżviluppaw fl-Asja | 528,8 | 543,8 | + 15,0 |
| 21 02 01 | Sigurtà alimentari | 241,8 | 243,8 | + 2,0 |
| 21 03 01 | Atturi fl-iżvilupp mhux tal-Istat | 192,7 | 193,7 | + 1,0 |
| 21 05 01 01 | Saħħa | 30,6 | 32,6 | + 2,0 |
| 22 02 07 03 | Għajnuna finanzjarja biex jiġi stimulat l-iżvilupp ekonomiku tal-Komunità Torka f’Ċipru | 25,0 | 28,0 | + 3,0 |
| 23 03 06 | Interventi tal-protezzjoni ċivili f'pajjiżi terzi | 4,0 | 9,0 | + 5,0 |
| **Total parzjali** | **Żidiet** | | | **+ 148,9** |
| 01 03 02 | Għajnuna makroekonomika | 114,9 | 104,9 | - 10,0 |
| 19 11 03 | L-Unjoni Ewropea fid-dinja | 5,0 | 4,0 | - 1,0 |
| **Total parzjali** | **Tnaqqis** | | | **- 11,0** |
| **Total** | | | | **+ 137,9** |

### *3.2.7 Intestatura 5 - L-Amministrazzjoni*

